IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.7.2017
COM(2017) 359 final

2017/0149 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Kroazja, lin-Netherlands, lill-Portugall u lir-Rumanija biex jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni ta' San Marino mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri

MT MT

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet u l-objettivi tal-proposta

L-għan tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri (minn hawn 'il quddiem: "il-Konvenzjoni tal-1980"), sal-lum irratifikata minn 97 pajjiż, inklużi l-Istati Membri kollha tal-UE, huwa li jerġa' jiġi stabbilit l-i*status quo* permezz tar-ritorn immedjat ta' minuri li jittieħdu jew li jinżammu b'mod illeċtu permezz ta' sistema ta' kooperazzjoni fost l-awtoritajiet ċentrali maħtura mill-Partijiet Kontraenti tagħha.

Minħabba li l-prevenzjoni tal-ħtif ta' minuri hija parti essenzjali mill-politika tal-UE biex tippromwovi d-drittijiet tat-tfal, l-Unjoni Ewropea hija attiva fil-livell internazzjonali biex ittejjeb l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1980 u tinkoraġġixxi Stati terzi biex jaċċedu għaliha.

San Marino ddepożita l-istrument tal-adeżjoni għall-Konvenzjoni tal-1980 fl-14 ta' Diċembru 2006. Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 daħlet fis-seħħ għal San Marino nhar l-1 ta' Marzu 2007.

Il-Konvenzjoni tal-1980 diġà hija fis-seħħ bejn San Marino u l-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri tal-UE (23). Il-Kroazja, id-Danimarka, in-Netherlands, l-Portugall u r-Rumanija biss għadhom ma aċċettawx l-adeżjoni ta' San Marino mal-Konvenzjoni.

L-Artikolu 38(4) tal-Konvenzjoni tal-1980 jistipula li l-Konvenzjoni tapplika bejn il-pajjiż aderenti u dawk l-Istati Kontraenti li jkunu ddikjaraw li aċċettaw l-adeżjoni.

L-eżistenza tal-kompetenza esklużiva tal-UE fil-kwistjoni tal-aċċettazzjoni tal-adeżjoni ta' Stat terz mal-Konvenzjoni tal-1980 kienet ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li ġiet ikkonsultata fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

Fl-14 ta' Ottubru 2014, l-Opinjoni 1/13 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddikjarat li *l-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea tkopri l-aċċettazzjoni tal-adeżjoni ta' Stat terz mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri*.

Il-Qorti saħqet dwar il-ħtieġa għal uniformità fil-livell tal-UE f'dan ir-rigward, sabiex jiġu evitati differenzi fil-kamp ta' applikazzjoni fost l-Istati Membri.

Minħabba li l-kwistjoni tal-ħtif internazzjonali tal-minuri hija fil-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni Ewropea, id-deċiżjoni dwar jekk tiġix aċċettata l-adeżjoni ta' San Marino għandha tittieħed fil-livell tal-UE permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill. L-Istati Membri li għadhom ma aċċettawx lil San Marino għandhom għalhekk jagħmlu d-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni fl-interess tal-Unjoni Ewropea.

L-aċċettazzjoni tal-Kroazja, tan-Netherlands, tal-Portugall u tar-Rumanija tagħmel il-Konvenzjoni tal-1980 applikabbli għal San Marino u għall-Istati Membri kollha tal-UE minbarra d-Danimarka.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta’ politika eżistenti fil-qasam tal-politika**

F'dak li jirrigwarda l-ħtif ta’ minuri minn ġenitur, il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 hija l-kontroparti internazzjonali tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2201/2003 (magħruf bħala r-Regolament Brussell IIa) li huwa l-bażi tal-kooperazzjoni ġudizzjarja tal-UE fi kwistjonijiet matrimonjali u ta' responsabbiltà tal-ġenituri[1].

Wieħed mill-objettivi ewlenin tar-Regolament hu li jiskoraġġixxi l-ħtif ta’ minuri bejn l-Istati Membri billi jistabbilixxi proċeduri li jiżguraw ir-ritorn minnufih tat-tfal lejn l-Istat Membru tar-residenza abitwali tagħhom. Għal dan l-għan, ir-Regolament Brussell IIa jinkludi fl-Artikolu 11 tiegħul-proċedura stabbilita fil-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 u jikkumplimentaha billi jiċċara xi aspetti tagħha, b'mod partikolari s-smigħ tat-tfal, il-perjodu ta' żmien biex tingħata deċiżjoni wara li jsir rikors għal ritorn u r-raġunijiet biex it-tfal ma jintbagħtux lura. Dan jintroduċi wkoll dispożizzjonijiet li jirregolaw l-ordnijiet ta' ritorn u ta' nuqqas ta' ritorn konfliġġenti maħruġa fi Stati Membri differenti.

Fil-livell internazzjonali, l-Unjoni Ewropea tappoġġa l-adeżjoni ta' Stati terzi mal-Konvenzjoni tal-1980 sabiex l-Istati Membri tagħha jibbażaw ruħhom fuq qafas ġuridiku komuni biex jittrattaw il-ħtif internazzjonali tal-minuri.

Ġew adottati diġà għaxar Deċiżjonijiet tal-Kunsill bejn Ġunju 2015 u Diċembru 2016 sabiex tiġi aċċettata, mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri, l-adeżjoni ta' għaxar (10) pajjiżi terzi (il-Marokk, Singapore, il-Federazzjoni Russa, l-Albanija, Andorra, is-Seychelles, l-Armenja, ir-Repubblika tal-Korea, il-Każakistan u l-Perù)[2].

- **Konsistenza ma’ politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija marbuta b’mod ċar mal-objettiv ġenerali, mnaqqax fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jiġu protetti d-drittijiet tat-tfal. Is-sistema tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 hija mfassla biex tipproteġi lit-tfal mill-effetti ta' ħsara ta' ħtif mill-ġenituri u biex tiżgura li t-tfal ikunu jistgħu jżommu kuntatt maż-żewġ ġenituri, pereżempju billi tiżgura l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet ta' aċċess.

Tajjeb li wieħed isemmi wkoll ir-rabta mal-promozzjoni tal-użu tal-medjazzjoni biex tinstab soluzzjoni fit-tilwim familjari transfruntier. Id-Direttiva dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali[3] tapplika wkoll għal-liġi tal-familja fl-ispazju ġudizzjarju Ewropew komuni. Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 tinkoraġġixxi wkoll soluzzjoni ta' ħbiberija fit-tilwim familjari. Waħda mill-Gwidi għall-Prattika Tajba skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, ippubblikata mill-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat, hija ddedikata għall-użu tal-medjazzjoni għar-riżoluzzjoni tat-tilwim internazzjonali tal-

---

1 ĠU L 338, 23.12.2003, p.31.

2 Ġew adottati diġà għaxar Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jawtorizzaw lill-Istati Membri biex jaċċettaw l-adeżjoni ta’ **Andorra** mal-Konvenzjoni tal-1980 (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/1023 adottata fil-15 ta’ Ġunju 2015); Is-**Seychelles** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/2354 adottata fl-10 ta’ Diċembru 2015); Ir-**Russja** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/2355 adottata fl-10 ta’ Diċembru 2015); L-**Albanija** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/2356 adottata fl-10 ta’ Diċembru 2015); **Singapore** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/1024 adottata fil-15 ta’ Ġunju 2015); Il-**Marokk** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/2357 adottata fl-10 ta’ Diċembru 2015); L-**Armenja** (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/2358 adottata fl-10 ta’ Diċembru 2015); **Ir-Repubblika tal-Korea (**id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2016/2313 adottata fit-8 ta’ Deċembru 2016 **)** , **il-Każakistan (**id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2016/2311 adottata fit-8.12.2016 **)** u **l-Perù (**id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2016/2312 adottata fit-8.12.2016**)**.

3 Id-Direttiva 2008/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ Mejju 2008 dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 136 tal-24 ta' Mejju 2008, p. 3);

familja li jirrigwarda t-tfal, li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea, din il-Gwida ġiet tradotta fil-lingwi kollha tal-UE minbarra l-Ingliż u l-Franċiż, kif ukoll fl-Għarbi, sabiex jiġi sostnut id-djalogu ma' Stati li għadhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni u tingħata għajnuna sabiex jinstabu mezzi konkreti kif jiġu indirizzati l-problemi li jqumu mill-ħtif internazzjonali tal-minuri ma' pajjiżi mhux ratifikanti[4].

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, S-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

- **Il-bażi ġuridika**

Minħabba l-fatt li d-deċiżjoni tirrigwarda ftehim internazzjonali, il-bażi ġuridika applikabbli hija l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea flimkien mal-Artikolu 81(3). Il-Kunsill jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew.

Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbutin bir-Regolament (UE) Nru 2201/2003 u għalhekk qegħdin jieħdu parti fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

- **Il-proporzjonalità**

Din il-proposta hija mfassla fuq il-mudell tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill diġà adottati dwar l-istess suġġett u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-għan ta' azzjoni koerenti tal-UE fil-qasam tal-ħtif internazzjonali tal-minuri, billi tiżgura li l-Istati Membri kollha tal-UE jaċċettaw l-adeżjoni ta' San Marino mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 f'perjodu ta' żmien stabbilit.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT.

- **Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kroazja, in-Netherlands, il-Portugall u r-Rumanija, li ġew ikkonsultati mill-Kummissjoni dwar ir-rieda tagħhom li jaċċettaw l-adeżjoni ta' San Marino mal-Konvenzjoni tal-1980, taw opinjoni favorevoli.

Id-diskussjonijiet li saru waqt laqgħa tal-esperti nhar l-24 ta' April 2017 urew li f'dan l-istadju, ma hemm l-ebda oġġezzjoni min-naħa tal-Istati Membri biex il-Kroazja, in-Netherlands, il-Portugall u r-Rumanija jaċċettaw l-adeżjoni ta' San Marino fil-Konvenzjoni tal-1980.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Billi l-Konvenzjoni hija diġà fis-seħħ ma' 23 Stat Membru, kienet l-opinjoni tal-Kummissjoni u tal-esperti tal-Istati Membri li, f'każijiet bħal dawn, ma hemm l-ebda ħtieġa ta' valutazzjoni speċifika tas-sitwazzjoni tal-pajjiż terz.

---

[4] https://www.hcch.net/en/publications-and-studies/details4/?pid=5568&dtid=3

L-esperti tal-Istati Membri ma rrappurtaw l-ebda problemi fl-applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1980 fir-rigward ta' San Marino.

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Rigward l-għaxar Deċiżjonijiet tal-Kunsill, dwar l-aċċettazzjoni tal-adeżjoni ta' divesi Stati terzi mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, li diġà ġew adottati bejn l-2015 u l-2016, ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt minħabba n-natura ta' dan l-att leġiżlattiv. F'kull każ, il-valutazzjoni speċifika tas-sitwazzjoni ta' San Marino tqieset bħala superfluwa meta jitqies il-fatt li l-Konvenzjoni hija diġà fis-seħħ bejn San Marino u 23 Stat Membru tal-UE, u li l-Kroazja, in-Netherlands, il-Portugall u r-Rumanija lesti li jaċċettawh.

4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Id-deċiżjoni proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Peress li l-proposta tikkonċerna biss l-awtorizzazzjoni lill-Kroazja, lin-Netherlands, lill-Portugall u lir-Rumanija biex jaċċettaw l-adeżjoni ta' San Marino mal-Konvenzjoni tal-1980, il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħha huwa limitat għar-rispett min-naħa tal-Istati Membri għall-kliem tad-dikjarazzjoni u għall-iskeda taż-żmien biex jiddepożitawha u jikkomunikaw id-depożitu tagħha lill-Kummissjoni, kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill.

2017/0149 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Kroazja, lin-Netherlands, lill-Portugall u lir-Rumanija biex jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni ta' San Marino mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(3), flimkien mal-Artikolu 218 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[5],

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea stabbiliet bħala wieħed mill-għanijiet tagħha l-promozzjoni tal-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, kif iddikjarat fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Miżuri għall-protezzjoni tat-tfal kontra t-teħid jew iż-żamma illeċti huma parti essenzjali minn din il-politika.

(2) Il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 2201/2003[6] ("ir-Regolament Brussell IIa"), li għandu l-għan li jħares it-tfal mill-effetti dannużi tat-teħid jew taż-żamma illeċti u li jistabbilixxi proċeduri biex jiżgura r-ritorn rapidu tagħhom lejn l-Istat tar-residenza abitwali tagħhom, kif ukoll li jiżgura l-ħarsien tad-drittijiet tal-aċċess u d-drittijiet tal-kustodja.

(3) Ir-Regolament Brussell IIa jikkumplimenta u jirrinforza l-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri ("il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980") li tistabbilixxi, fil-livell internazzjonali, sistema ta' obbligi u kooperazzjoni fost l-Istati kontraenti u bejn l-awtoritajiet ċentrali, u għandha l-għan li tiżgura r-ritorn minnufih ta' tfal li jittieħdu jew jinżammu b'mod illeċitu.

(4) L-Istati Membri kollha tal-Unjoni huma parti fil-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980.

(5) L-Unjoni tinkoraġġixxi lil Stati terzi biex jaderixxu għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 u tappoġġa l-implimentazzjoni korretta tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 billi tieħu sehem, flimkien mal-Istati Membri, fost oħrajn, fil-kummissjonijiet speċjali organizzati fuq bażi regolari mill-Konferenza tal-Aja dwar id-dritt internazzjonali privat.

(6) Qafas legali komuni applikabbli bejn l-Istati Membri tal-Unjoni u Stati terzi jista' jkun l-aħjar soluzzjoni għal każijiet sensittivi ta' ħtif internazzjonali ta' minuri.

(7) Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 tistipula li hija tapplika bejn l-Istat aderenti u dawn l-Istati kontraenti li jkunu ddikjaraw li aċċettaw l-adeżjoni.

---

5 ĠU C […], […], p. […].

6 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU L 338, 23.12.2003, p. 1).

(8) Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 ma tippermettix li organizzazzjonijiet reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika bħall-Unjoni jsiru parti minnha. Għalhekk, l-Unjoni la tista' taderixxi ma' din il-Konvenzjoni, u lanqas ma tista' tressaq dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni ta' Stat aderenti.

(9) Skont l-Opinjoni 1/13 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, id-dikjarazzjonijiet ta' aċċettazzjoni skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 huma parti mill-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni.

(10) San Marino ddepożita l-istrument ta' adeżjoni tiegħu mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 fl-14 ta' Diċembru 2006. Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 daħlet fis-seħħ għal San Marino fl-1 ta' Marzu 2007.

(11) L-Istati Membri kollha, bl-eċċezzjoni tal-Kroazja, tad-Danimarka, tan-Netherlands, tal-Portugall u tar-Rumanija, diġà aċċettaw l-adeżjoni ta' San Marino mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. Valutazzjoni tas-sitwazzjoni f'San Marino wasslet għall-konklużjoni li l-Kroazja, in-Netherlands, il-Portugall u r-Rumanija jinsabu f'pożizzjoni li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni, l-adeżjoni ta' San Marino skont it-termini tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980.

(12) Il-Kroazja, in-Netherlands, il-Portugall u r-Rumanija għalhekk jenħtieġ li jkunu awtorizzati li jiddepożitaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni ta' San Marino fl-interess tal-Unjoni skont it-termini stipulati f'din id-Deċiżjoni. L-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni li diġà aċċettaw l-adeżjoni ta' San Marino mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 ma jenħtieġx li jiddepożitaw dikjarazzjonijiet ġodda ta' aċċettazzjoni, peress li d-dikjarazzjonijiet eżistenti jibqgħu validi skont id-dritt internazzjonali pubbliku.

(13) Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbutin bir-Regolament Brussell IIa u qed jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(14) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-Kroazja, in-Netherlands, il-Portugall u r-Rumanija huma b'dan awtorizzati biex jaċċettaw l-adeżjoni ta' San Marino mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri ("il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980") fl-interess tal-Unjoni.

2. L-Istati Membri msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom, sa mhux aktar tard minn [tnax-il xahar wara d-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni], jiddepożitaw dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni ta' San Marino mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 fl-interess tal-Unjoni, fformulata kif ġej:

"[*L-isem sħiħ tal-ISTAT MEMBRU] jiddikjara li jaċċetta l-adeżjoni ta' San Marino mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/...*[*]".

3. L-Istati Membri msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jinfurmaw lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bid-depożitu tad-dikjarazzjoni tagħhom ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni

[*] ĠU: daħħal in-numru ta' din id-Deċiżjoni.

ta’ San Marino u jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dikjarazzjoni fi żmien xahrejn minn meta jiddepożitawha.

Artikolu 2

Dawk l-Istati Membri li ddepożitaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni ta’ San Marino mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 qabel id-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, ma għandhomx jiddepożitaw dikjarazzjonijiet ġodda.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kroazja, lin-Netherlands, lill-Portugall u lir-Rumanija.

Magħmul fi …,

Għall-Kunsill

Il-President